MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 545/2005

Borg Transportation Limited
vs
Elbros Construction Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici, ghal dawn l-ahhar snin, kienet bieghet u kkonsenjat, fuq bazi regolari, “diesel” lis-socjeta` konvenuta fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta;

Illi kien baqa’ bilanc ta’ sebat elef disa mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm7,927.85) dovuti lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta kif irrizulta ahjar mid-dokument Dok BT1 anness mac-citazzjoni.

Illi s-socjeta` attrici kienet interpellat lis-socjeta` konvenuta thallas dan l-ammont sia verbalment kif ukoll permezz ta' ittra legali datata 25 ta' Mejju 2005 annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok BT2;

Illi s-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk is-somma ta' sebat elef disa' mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm7,927.85) kienet ghadha dovuta sal-prezentata tac-citazzjoni mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-affidavit tal-attur nomine (Dok X):

1) Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' sebat elef disa mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm7,927.86) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk dovut lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra legali datata 25 ta' Mejju 2005 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-11 ta' Marzu 2005 (cioe` d-data tal-ahhar fattura mhux imhallsa mahruga mis-socjeta` attrici) sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2005 Dr. Antoine Naudi ghas-socjeta` attrici pprezneta nota ta’ riduzzjoni fl-ammont ta’ Lm1,500.

Xehed Joseph Borg li rrefera ghal dak li hemm imnizzel fid-dikjarazzjoni tal-fatti u fic-citazzjoni u kkonferma l-ezattezza tal-kontenut taghha. Zied ukoll li miz-zmien li giet prezentata c-citazzjoni ‘il hawn is-socjeta` konvenuta hallsitnhom is-somma ta’ Lm1500 u ghalhekk l-ammont mitlub ta’ Lm7927.85 irid jitnaqqas bis-somma ta’ Lm1500.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-talba tas-socjeta` attrici tidher gustifikata u ghalhekk il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12 tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitt elef erba’ mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm6,427.86) dovuti ghar-ragunijiet suesposti, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk dovut lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta inkluzi l-ispejjez tal-ittra legali datata 25 ta’ Mejju 2005 u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-11 ta’ Marzu 2005 (cioe` d-data tal-ahhar fattura mhux imhallsa mahruga mis-socjeta` attrici) sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------